

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 744/2010

tat-18 ta' Awwissu 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, fir-rigward tal-użi kritiċi tal-aloni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-alon 1301, l-alon 1211 u l-alon 2402 (minn hawn 'il quddiem "l-aloni") huma sustanzi li jnaqqsu l-ożonu elenkati bħala sustanzi kontrollati fil-Grupp III tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1005/2009. Il-produzzjoni tagħhom fl-Istati Membri ilha ipprojbata mill-1994, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Protokol ta' Montreal. Madankollu, l-użu tagħhom għadu permess għal ċerti użi kritiċi kif stabbilit fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1005/2009.
- (2) Il-Kummissjoni rrevediet l-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu <sup>(2)</sup>, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(4)(iv) ta' dak ir-Regolament. Għal dan il-għan, ġew evalwati l-użi attwali tal-aloni u d-disponibbiltà u l-implimentazzjoni ta' alternattivi teknika u ekonomika fattibbli jew teknoloġi li huma aċċettabbli mill-perspettiva tal-ambjent u s-saħħa (minn hawn 'il quddiem "l-alternattivi"). Sadanittant, ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 inbidel bir-Regolament (KE) Nru 1005/2009, b'tali mod li l-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 sar l-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1005/2009, mingħajr l-eċċezzjoni.
- (3) Ir-reviżjoni wriet xi diskrepanzi bejn l-Istati Membri fl-interpretazzjoni ta' liema użi ta' aloni jikkostitwixxu użi kritiċi kif deskritti fl-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1005/2009. Kull applikazzjoni bl-alon għandha għalhekk

tiġi deskritta f'aktar dettall, billi tiġi speċifikata l-kategorija tat-tagħmir jew il-faċilità, l-iskop tal-applikazzjoni, it-tip ta' estintur bl-alon u t-tip ta' alon.

- (4) Ir-reviżjoni wriet ukoll li, ħlief għal xi eċċezzjonijiet, ma għadhomx meħtieġa aloni biex ikunu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni min-nar fid-diżinni ta' tagħmir u faċilitajiet ġodda u li issal-installazzjoni ta' alternattivi saret rutina. Madankollu, l-estinturi u s-sistemi tal-protezzjoni min-nar bl-alon għadhom meħtieġa f'xi tagħmir li huwa, jew li ser ikun prodott għad-diżinni eżistenti.

- (5) Ir-reviżjoni wriet ukoll li l-aloni qed jiġu ssostitwiti jew jistgħu maż-żmien jiġu ssostitwiti b'alternattivi u bi spiża raġonevoli għall-maġġoranza tal-applikazzjonijiet tal-protezzjoni min-nar, kemm jekk inkorporati f'tagħmir u faċilitajiet eżistenti jew f'tagħmir li qed jiġi prodott għad-diżinni eżistenti.

- (6) Għalhekk, fid-dawl tad-disponibbiltà u l-implimentazzjoni akbar tal-alternattivi, huwa xieraq li tiġi stabbilita data ta' skadenza għal kull applikazzjoni li warajha l-użu tal-aloni għal tagħmir ġdid u faċilitajiet ġodda ma jibqax jitqies bħala użu kritiku u l-installazzjoni ta' estintur jew sistema tal-protezzjoni min-nar bl-alon ma tibqax permessa. Fid-definizzjoni ta' "tagħmir ġdid" u "faċilitajiet ġodda", għandha titqies kif xieraq il-fażi fiċ-ċiklu tal-ħajja tat-tagħmir u l-faċilitajiet meta d-diżinn tal-ispazju li jkun jeħtieġ protezzjoni min-nar ikun effettivament stabbilit.

- (7) Huwa wkoll xieraq li tiġi stabbilita data ta' limitu għal kull applikazzjoni li warajha l-użu tal-aloni fl-estinturi tan-nar jew fis-sistemi tal-protezzjoni min-nar fit-tagħmir u l-faċilitajiet kollha, kemm jekk f'tagħmir u faċilitajiet eżistenti jew f'tagħmir li huwa, jew li ser ikun prodott għal diżinni eżistenti, ma jibqax jitqies bħala użu kritiku. B'hekk l-użu tal-aloni ma jkunx permess u l-estinturi tan-nar u s-sistemi tal-protezzjoni min-nar bl-alon ikollhom jinbidlu, jiġu kkonvertiti jew jitneħħew sa tmiem dik id-data, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009.

<sup>(1)</sup> ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1.

- (8) Id-dati ta' skadenza għandhom iqisu d-disponibbiltà tal-alternattivi għat-tagħmir jew il-faċilitajiet ġodda u l-ostakoli għall-implimentazzjoni tagħhom. Għandhom ukoll jagħtu biżżejjed żmien għall-iżvilupp tal-alternattivi fejn ikun meħtieġ, filwaqt li jipprovdu inċentiv biex isir dan l-iżvilupp. Fir-rigward tal-inġenji tal-ajru, peress li l-avjazzjoni ċivili hija rregolata f'livell internazzjonali, għandhom jitqiesu kif xieraq l-inizjattivi meħuda mill-Organizzazzjoni għall-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) fir-rigward tal-installazzjoni u l-użu tal-aloni għall-estinturi tan-nar fl-inġenji tal-ajru.
- (9) Barra minn dan id-dati ta' limitu għandhom iħallu biżżejjed żmien biex is-sostituzzjoni tal-aloni jew l-attivitajiet ta' konverżjoni jsiru bħala parti mill-manutenzjoni ta' rutina jew ipplanata tat-tagħmir jew tal-faċilità jew mill-programmi ta' aġġornament, mingħajr ma jaffettwaw bla bżonn l-operat tat-tagħmir jew tal-faċilitajiet konċernati u mingħajr ma jwasslu għal spejjeż kbar. Għandhom iqisu wkoll iż-żmien meħtieġ għall-ksib ta' kwalunkwe ċertifikazzjoni, awtorizzazzjoni jew approvazzjoni meħtieġa għall-installazzjoni tal-alternattivi fit-tagħmir jew il-faċilitajiet konċernati.
- (10) Għall-parti l-kbira tal-applikazzjonijiet għal tagħmir jew faċilitajiet ġodda, fejn l-estinturi u s-sistemi tal-protezzjoni min-nar bl-alon ma għadhomx meħtieġa jew ma għadhomx jiġi installati, huwa xieraq li l-2010 tiġi stabbilita bħala d-data ta' skadenza. Mandakollu, huwa xieraq li l-2011 tiġi stabbilita bħala d-data ta' skadenza għal xi applikazzjonijiet għal vetturi u inġenji tal-ajru militari li għalihom issa qed jitqies li huma disponibbli alternattivi iżda li ma kinux implimentati matul il-programmi ta' żvilupp li issa wasslu biex jitlestew u li għalihom jista' jkun li modifiki ma għadhomx teknikament u ekonomikament fattibbli. Huwa xieraq li l-2014 tiġi stabbilita bħala data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet fil-kisi tal-magni tal-inġenji tal-ajru u fl-estinturi portabbli fil-kabini, liema data tkun tikkorrispondi mal-qafas ta' żmien għall-implimentazzjoni mistennija ta' restrizzjoni ekwivalenti mill-ICAO. Huwa xieraq li l-2018 tiġi stabbilita bħala d-data ta' skadenza għall-kompartimenti tat-tagħbija tal-inġenji tal-ajru fejn alternattivi għadhom ma ġewx identifikati iżda li għalihom jista' b'mod raġonevoli jkun mistenni li, wara aktar riċerka u żvilupp, ser ikun hemm alternattivi disponibbli sad-data tal-installazzjoni f'inġenji tal-ajru ġodda li jitressqu għaċ-ċertifikazzjoni tat-tip.
- (11) Għal ħafna applikazzjonijiet, huwa xieraq li d-dati ta' limitu jiġu stabbiliti bejn l-2013 u l-2025, skont il-livell ta' diffikultà teknika u ekonomika li tirrappreżenta s-sostituzzjoni jew il-konverżjoni tal-alon. Dawn id-dati ta' limitu għandhom jippermettu biżżejjed żmien għas-sostituzzjoni matul il-programmi ta' manutenzjoni ta' rutina għall-biċċa l-kbira tat-tagħmir u l-faċilitajiet fejn issa huma disponibbli alternattivi. Huwa xieraq li l-2030 jew l-2035 tiġi stabbilita bħala d-data ta' limitu għal ċerti applikazzjonijiet għal vetturi tal-art u bastimenti militari li għalihom is-sostituzzjoni tal-alon x'aktarx li hija teknikament u ekonomikament fattibbli biss bħala parti mill-programmi pplanati ta' manutenzjoni jew ta' aġġornament tat-tagħmir, u li għal liema, f'xi Stati Membri tista' tkun meħtieġa aktar riċerka u żvilupp biex tiġi vverifikata l-adegwatezza tal-alternattivi.
- (12) Għadhom ma ġewx identifikati alternattivi għal xi applikazzjonijiet f'vetturi militari eżistenti, fuq bastimenti militari tal-wiċċ eżistenti, fuq sottomarini militari eżistenti, f'inġenji tal-ajru militari eżistenti u għal dawk li huma jew li ser jiġu prodotti għad-diżinni eżistenti. Madankollu, wieħed jista' jistenna b'mod raġonevoli li sal-2040 parti kbira mit-tagħmir ikkonċernat tkun waslet fi tmien tal-ħajja utli tagħha jew li b'riżultat ta' aktar riċerka u żvilupp sa dak inhar ikunu disponibbli alternattivi. Huwa għalhekk xieraq li l-2040 tkun stipulata bħala data ta' limitu raġonevoli għal dawk l-applikazzjonijiet.
- (13) Għadhom ukoll ma ġewx identifikati alternattivi għas-sistemi tal-protezzjoni min-nar fil-kompartimenti tat-tagħbija, fil-kisi tal-magni u fl-apparat awżiljarju tal-enerġija, fl-inġenji tal-ajru ċivili eżistenti jew f'dawk li qed jiġu prodotti skont xi tip ta' ċertifikazzjoni eżistenti. Barra minn dan, għadd sinifikanti ta' inġenji tal-ajru ċivili ser ikompli jiġu prodotti bi u jkun jiddipendu fuq l-aloni għal dawk l-applikazzjonijiet għall-ġejjieni prevedibbli. Filwaqt li huwa aċċettabbli li hemm diffikultajiet tekniċi, ekonomiċi u regolatorji sinifikanti li jaffettwa s-sostituzzjoni tal-aloni f'dawn l-applikazzjonijiet, huwa wkoll xieraq, fid-dawl tal-inċertezza marbuta mad-disponibbiltà fuq perjodu twil ta' żmien tal-aloni riċiklati u l-bżonn għal riċerka addizzjonali biex jiġu identifikati u żviluppati alternattivi adegwati, li l-2040 tiġi stipulata bħala data ta' limitu.
- (14) L-Anness VI, li jinkludi oqfsa ta' żmien għat-tneħħija gradwali tal-użi kritiċi, ser jibqa' jiġi rrevedut sabiex jitqiesu r-riċerka u l-iżvilupp kontinwi tal-alternattivi kif ukoll l-informazzjoni ġdida dwar id-disponibbiltà tagħhom. Barra minn dan, jistgħu jingħataw derogi mid-dati ta' limitu u d-dati ta' skadenza f'każijiet speċifiċi fejn jintwera li mhi disponibbli l-ebda alternattiva.
- (15) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 għandu, għalhekk, jiġi emendat skont dan.
- (16) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 għandu jiġi ssostitwit mill-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

## ANNEX

## "ANNEX VI

## UŻI KRITIĊI TAL-ALONI

Għall-għanijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) 'Data ta' skadenza' tfisser id-data minn meta l-aloni ma jistgħux jintużaw f'estinturi tan-nar jew f'sistemi tal-protezzjoni min-nar f'tagħmir u faċilitajiet ġodda għall-applikazzjoni konċernata.
- (2) 'Tagħmir ġdid' tfisser tagħmir li għalih, sad-data ta' skadenza, ma jkun seħħ xejn minn dan li ġej:
  - (a) firma tal-kuntratt rilevanti ta' akkwist jew ta' żvilupp;
  - (b) preżentazzjoni lill-awtorità regolatorja xierqa ta' talba għall-approvazzjoni jew iċ-ċertifikazzjoni ta' tip.
- (3) 'Faċilitajiet ġodda' tfisser faċilitajiet li għalihom, sad-data ta' skadenza, ma jkun seħħ xejn minn dan li ġej:
  - (a) firma tal-kuntratt rilevanti ta' żvilupp;
  - (b) preżentazzjoni ta' talba għall-kunsens ta' pjanar lill-awtorità regolatorja xierqa.
- (4) 'Id-data ta' limitu' tfisser id-data minn meta l-aloni ma għandhomx jintużaw fl-applikazzjoni konċernata u minn meta għandhom jitneħħew l'estinturi tan-nar u s-sistemi tal-protezzjoni min-nar li fihom l-aloni.
- (5) 'Inertjar' tfisser il-prevenzjoni tal-bidu ta' kombustjoni ta' atmosfera splussiva jew f'ammabbli permezz taż-żieda ta' sustanza ta' inibizzjoni jew dilwizzjoni.
- (6) 'Vapuri tal-merkanzija' tfisser vapur li mhuwiex vapur tal-passiġġieri, li għandu piż gross ta' aktar minn 500 tonnellata u li jbaħħar fi vjaġġ internazzjonali skont id-definizzjoni ta' dawn it-termini fil-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS). Il-Konvenzjoni SOLAS tiddefinixxi 'vapuri tal-passiġġieri' bħala 'vapuri li jgħorri aktar minn tnaħ-il passiġġier' u 'vjaġġ internazzjonali' bħala 'vjaġġ minn pajjiż fejn tapplika din l-Konvenzjoni għal port barra mit-tali pajjiż, jew bil-maqlub'.
- (7) Spazju 'normalment okkupat' tfisser spazju protett fejn jeħtieġ li persuni jkunu preżenti l-ħin kollu jew fil-biċċa l-kbira tal-ħin sabiex it-tagħmir jew il-faċilità tiffunzjona b'mod effikaċi. Għal applikazzjonijiet militari, l-istatus ta' okkupanza tal-ispażju protett ikun dak applikabbli matul sitwazzjoni ta' għied.
- (8) Spazju 'normalment mhux okkupat' tfisser spazju protett li jiġi okkupat għal perijodi limitati biss, b'mod partikolari għat-tweġġ ta' manutenzjoni, u meta l-preżenza kontinwa ta' persuni ma tkunx meħtieġa għall-funzjonament effikaċi tat-tagħmir jew il-faċilità.

## UŻI KRITIĊI TAL-ALONI

| Applikazzjoni                        |                                                       |                     |                      | Data ta' skadenza (il-31 ta' Diċembru tas-sena dikjarata) | Id-data ta' limitu (il-31 ta' Diċembru tas-sena dikjarata) |
|--------------------------------------|-------------------------------------------------------|---------------------|----------------------|-----------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------|
| Kategorija ta' tagħmir jew faċilità  | Fini                                                  | Tip ta' Estintur    | Tip ta' alon         |                                                           |                                                            |
| <b>1. F'vetturi tal-art militari</b> | 1.1. Għall-protezzjoni tal-kompartimenti tal-magna    | Sistemi fissi       | 1301<br>1211<br>2402 | <b>2010</b>                                               | <b>2035</b>                                                |
|                                      | 1.2. Għall-protezzjoni tal-kompartimenti tal-ekwipaġġ | Sistemi fissi       | 1301<br>2402         | <b>2011</b>                                               | <b>2040</b>                                                |
|                                      | 1.3. Għall-protezzjoni tal-kompartimenti tal-ekwipaġġ | Estinturi portabbli | 1301<br>1211         | <b>2011</b>                                               | <b>2020</b>                                                |

| UŻI KRITIĊI TAL-ALONI                  |                                                                                   |                     |                |                                                           |                                                            |
|----------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------|---------------------|----------------|-----------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------|
| Applikazzjoni                          |                                                                                   |                     |                | Data ta' skadenza (il-31 ta' Diċembru tas-sena dikjarata) | Id-data ta' limitu (il-31 ta' Diċembru tas-sena dikjarata) |
| Kategorija ta' tagħmir jew faċilità    | Fini                                                                              | Tip ta' Estintur    | Tip ta' alon   |                                                           |                                                            |
| <b>2. Fuq vapuri militari tal-wiċċ</b> | 2.1. Għall-protezzjoni tal-ispazji ta' makkinarju normalment okkupati             | Sistemi fissi       | 1301 2402      | <b>2010</b>                                               | <b>2040</b>                                                |
|                                        | 2.2. Għall-protezzjoni tal-ispazji ta' magni normalment mhux okkupati             | Sistemi fissi       | 1301 1211 2402 | <b>2010</b>                                               | <b>2035</b>                                                |
|                                        | 2.3. Għall-protezzjoni tal-kompartimenti tal-elettriku normalment mhux okkupati   | Sistemi fissi       | 1301 1211      | <b>2010</b>                                               | <b>2030</b>                                                |
|                                        | 2.4. Għall-protezzjoni taċ-ċentri tal-kmand                                       | Sistemi fissi       | 1301           | <b>2010</b>                                               | <b>2030</b>                                                |
|                                        | 2.5. Għall-protezzjoni tal-kmamar tal-pompi tal-fjuwil                            | Sistemi fissi       | 1301           | <b>2010</b>                                               | <b>2030</b>                                                |
|                                        | 2.6. Għall-protezzjoni tal-kompartimenti għall-ħżin ta' likwidu fjamabbli         | Sistemi fissi       | 1301 1211 2402 | <b>2010</b>                                               | <b>2030</b>                                                |
|                                        | 2.7. Għall-protezzjoni tal-inġenji tal-ajru f'hangars jew f'żoni tal-manutenzjoni | Estinturi portabbli | 1301 1211      | <b>2010</b>                                               | <b>2016</b>                                                |
| <b>3. Fuq sottomarini militari</b>     | 3.1. Għall-protezzjoni tal-ispazji tal-makkinarju                                 | Sistemi fissi       | 1301           | <b>2010</b>                                               | <b>2040</b>                                                |
|                                        | 3.2. Għall-protezzjoni taċ-ċentri tal-kmand                                       | Sistemi fissi       | 1301           | <b>2010</b>                                               | <b>2040</b>                                                |
|                                        | 3.3. Għall-protezzjoni tal-ispazji tal-ġeneraturi diżil                           | Sistemi fissi       | 1301           | <b>2010</b>                                               | <b>2040</b>                                                |
|                                        | 3.4. Għall-protezzjoni tal-kompartimenti tal-elettriku                            | Sistemi fissi       | 1301           | <b>2010</b>                                               | <b>2040</b>                                                |
| <b>4. Fl-inġenji tal-ajru</b>          | 4.1. Għall-protezzjoni tal-kompartimenti tat-tagħbija normalment mhux okkupati    | Sistemi fissi       | 1301 1211 2402 | <b>2018</b>                                               | <b>2040</b>                                                |
|                                        | 4.2. Għall-protezzjoni tal-kabini kif ukoll tal-kompartimenti tal-ekwipaġġ        | Estinturi portabbli | 1211 2402      | <b>2014</b>                                               | <b>2025</b>                                                |
|                                        | 4.3. Għall-protezzjoni tal-kisi tal-magni u tal-apparat awżiljarju tal-enerġija   | Sistemi fissi       | 1301 1211 2402 | <b>2014</b>                                               | <b>2040</b>                                                |

| UŻI KRITIĊI TAL-ALONI                                                                                     |                                                                                                                               |                     |                      |                                                           |                                                            |
|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------|----------------------|-----------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------|
| Applikazzjoni                                                                                             |                                                                                                                               |                     |                      | Data ta' skadenza (il-31 ta' Diċembru tas-sena dikjarata) | Id-data ta' limitu (il-31 ta' Diċembru tas-sena dikjarata) |
| Kategorija ta' tagħmir jew faċilità                                                                       | Fini                                                                                                                          | Tip ta' Estintur    | Tip ta' alon         |                                                           |                                                            |
|                                                                                                           | 4.4. Għall-inertjar tat-tankijiet tal-fjuwil                                                                                  | Sistemi fissi       | 1301<br>2402         | <b>2011</b>                                               | <b>2040</b>                                                |
|                                                                                                           | 4.5. Għall-protezzjoni tal-kontenituri tal-iskart tat-tojlets                                                                 | Sistemi fissi       | 1301<br>1211<br>2402 | <b>2011</b>                                               | <b>2020</b>                                                |
|                                                                                                           | 4.6. Għall-protezzjoni tal-kompartimenti niexfa                                                                               | Sistemi fissi       | 1301<br>1211<br>2402 | <b>2011</b>                                               | <b>2040</b>                                                |
| 5. F'faċilitajiet taż-żejt, il-gass u l-petrokimika                                                       | 5.1. Għall-protezzjoni tal-ispażji fejn jista' jiġi rilaxxat likwidu f'ammabbli jew gass                                      | Sistemi fissi       | 1301<br>2402         | <b>2010</b>                                               | <b>2020</b>                                                |
| 6. Fuq vapuri kummerċjali tal-merkanzija                                                                  | 6.1. Għall-inertjar tal-ispażji normalment okkupati fejn jista' jiġi rilaxxat likwidu f'ammabbli jew gass                     | Sistemi fissi       | 1301<br>2402         | <b>1994</b>                                               | <b>2016</b>                                                |
| 7. F'faċilitajiet ta' kmand u komunikazzjoni bbażati fuq l-art li huma essenzjali għas-sigurtà nazzjonali | 7.1. Għall-protezzjoni tal-ispażji normalment okkupati                                                                        | Sistemi fissi       | 1301<br>2402         | <b>2010</b>                                               | <b>2025</b>                                                |
|                                                                                                           | 7.2. Għall-protezzjoni tal-ispażji normalment okkupati                                                                        | Estinturi portabbli | 1211                 | <b>2010</b>                                               | <b>2013</b>                                                |
|                                                                                                           | 7.3. Għall-protezzjoni tal-ispażji normalment mhux okkupati                                                                   | Sistemi fissi       | 1301<br>2402         | <b>2010</b>                                               | <b>2020</b>                                                |
| 8. Fl-ajrudromi u l-ajruporti                                                                             | 8.1. Għal vetturi tas-salvataġġ tal-ajruporti                                                                                 | Estinturi portabbli | 1211                 | <b>2010</b>                                               | <b>2016</b>                                                |
|                                                                                                           | 8.2. Għall-protezzjoni tal-inġenji tal-ajru fil-hangars jew fiż-żoni tal-manutenzjoni                                         | Estinturi portabbli | 1211                 | <b>2010</b>                                               | <b>2016</b>                                                |
| 9. F'faċilitajiet tal-enerġija nukleari u r-riċerka nukleari                                              | 9.1. Għall-protezzjoni tal-ispażji fejn meħtieġ biex kemm jista' jkun jitnaqqas ir-riskju tat-tferrix ta' materjal radjuattiv | Sistemi fissi       | 1301                 | <b>2010</b>                                               | <b>2020</b>                                                |
| 10. Fil-Mina Ingliż tal-Fliegu                                                                            | 10.1. Għall-protezzjoni tal-faċilitajiet tekniċi                                                                              | Sistemi fissi       | 1301                 | <b>2010</b>                                               | <b>2016</b>                                                |
|                                                                                                           | 10.2. Għall-protezzjoni tal-lokomotivi u l-vaguni ferrovjarji taċ-Channel Tunnel                                              | Sistemi fissi       | 1301                 | <b>2010</b>                                               | <b>2020</b>                                                |

| UŻI KRITIĊI TAL-ALONI               |                                                                                               |                     |              |                                                           |                                                            |
|-------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------|--------------|-----------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------|
| Applikazzjoni                       |                                                                                               |                     |              | Data ta' skadenza (il-31 ta' Diċembru tas-sena dikjarata) | Id-data ta' limitu (il-31 ta' Diċembru tas-sena dikjarata) |
| Kategorija ta' tagħmir jew faċilità | Fini                                                                                          | Tip ta' Estintur    | Tip ta' alon |                                                           |                                                            |
| 11. <b>Oħrajn</b>                   | 11.1. Għat-tifi inizjali ta' nar mill-pumpiera fejn dan ikun meħtieġ għas-sikurezza personali | Estinturi portabbli | 1211         | <b>2010</b>                                               | <b>2013</b>                                                |
|                                     | 11.2. Għall-protezzjoni ta' persuni mill-persunal militari u l-pulizija                       | Estinturi portabbli | 1211         | <b>2010</b>                                               | <b>2013"</b>                                               |